

Brussell, 9 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15190/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0179(NLE)

SOC 746
EMPL 533
EDUC 423
JEUN 255
ECOFIN 1145
MI 951
FISC 251

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali - Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

Fit-13 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali. Ir-Rakkomandazzjoni tinkludi miżuri li jrawmu r-rwol tal-ekonomija soċjali fl-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol u fl-inklużjoni soċjali, kif ukoll miżuri li jappoġġaw ambjent abilitanti, filwaqt li jqisu l-aċċess għall-finanzjament, għas-swieq u għall-akkwist pubbliku, l-għajjnuna mill-Istat u t-tassazzjoni. Tinkludi wkoll miżuri għal viżibbiltà u rikonoxximent akbar tas-settur.

L-ekonomija soċjali għandha diversi gradi ta' żvilupp fl-Istati Membri u potenzjal li fil-biċċa l-kbira tiegħu għadu mhux sfruttat.

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 292 flimkien mal-Artikolu 149 u l-Artikolu 153, il-punti (h) u (j) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

II. IS-SITWAZZJONI ATTWALI

Il-proposta ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni lill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fl-10 ta' Lulju 2023 u ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma fil-laqgħat tiegħu tal-11 u s-26 ta' Settembru. Fit-28 ta' Settembru ġiet konkluzja konsultazzjoni informali bil-miktub b'appoġġ ġenerali għat-test ta' kompromess.

Abbażi ta' dan l-appoġġ, fis-sessjoni tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2023 il-Kunsill (EPSCO) laħaq qbil politiku dwar it-test ta' kompromess, kif jinsab fid-dokument 13287/23. Id-dikjarazzjoni mill-Ungerija li tinsab fid-dokument 13287/23 ADD 1 iddaħħlet fil-minuti tal-Kunsill.

It-test li kien is-suġġett tal-qbil politiku issa ġie rivedut mill-ġuristi lingwisti u jinsab fid-dokument 14113/23.

Wara li tkun ġiet adottata r-Rakkomandazzjoni, din ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

III. KONKLUŻJONI

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill (AGRIFISH) jadotta, fis-sessjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2023, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali li tinsab fid-dokument 14113/23.